ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

27 AUG 2025

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 616**

**It-Tlieta 29 ta' Lulju, 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Toshera Schembri - Kunsilliera
Carlo Scicluna - Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Leone Sciberras - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 616.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji

616.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku, mis-Sur Mark Grech u mis-Sur Leone Sciberras fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku, is-Sur Mark Grech u s-Sur Leone Sciberras jkunu skużati.

## 616.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

616.2.1 Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-minuti tas-615 laqgħa ġew unanimament approvati.

## 616.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

616.3.1 Fis-6.15 ta' filgħaxija is-Sinjorina Toshera Schembri daħlet għal-laqgħa.

616.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill Lokali għal skema SPI/SCI/03/2025 – Espressjoni ta' Interess – Lokalitajiet Aktar Nodfa, ġiet milqugħa. Il-Kunsill irċieva notifika uffiċjali li t-talba għall-fondi ġiet approvata u b'riżultat ta' dan, il-Kunsill se jibbenefika minn kontribuzzjoni finanzjarja ta' €1,500.

616.3.3 Is-Sindku tkellem dwar l-iskema SPI.SCI.02.2025 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025.2026 u nforma lill-membri preżenti li l-attività *Street Art Festival* ser tiġi organizzata nhar il-Ħadd 26 t'Ottubru, 2025 u hemm il-ħsieb li din l-attività tiġi mxandra fuq l-istazzjon nazzjonali.

616.3.4 Is-Sindku rrefera għall-50 anniversarju mill-waqa' tal-Vulcan u nforma lill-membri preżenti li nhar it-13, 14 u 15 t' Ottubru 2025 ser jiġu organizzati diversi attivitajiet kommemorattivi bħala parti minn programm speċjali li bħalissa qed jinħadem flimkien mal-Arċipriet, u li aktar dettalji ser jiġu ppreżentati fil-laqgħa li jmiss. Is-Sindku spjega li fl-14 t' Ottubru ser issir attività organizzata mill-Kunsill flimkien mat-tfal tal-iskola, filwaqt li filgħaxija tal-istess jum ser issir l-attività uffiċjali. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kinitx ser titwaħħal plakka kommemorattiva marbuta mal-waqa' tal-Vulcan u s-Sindku kkonferma li din il-plakka kienet ser titwaħħal.

616.3.5 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti dwar il-laqgħa li kellu mal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq u għarrafhom li l-Kunsill ma kienx jaqbel li jinbidel in-numerar tat-triq mill-ġdid fi Triq Villabate. Il-preokkupazzjoni tal-Kumitat kienet dwar jekk l-ewwel parti tat-triq, mis-sezzjoni tal-bidu tagħha sas-*service road*, kinitx allokata għal skopijiet ta' bini. Is-Sindku qal li kien informa lill-Kumitat li din iż-żona hija klassifikata bħala *green area* u għalhekk m'hijiex allokata għall-iżvilupp. Is-Sindku tenna li, fid-dawl ta' dan, il-proċess tan-numerar jista' jkompli mingħajr ebda diffikultà peress li l-*green area* inkwistjoni m'hijiex ser tkun mibnija.

616.3.6 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva diversi talbiet biex jingħata reklamar fil-pubblikazzjonijiet relatati mal-festa tal-Madonna tal-Grazzja.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ssir pubblikazzjoni ta' reklam fil-ġurnal Leħen is-Santwarju Festa 2025, bi prezz ta' €250; reklami oħrajn fil-pubblikazzjoni annwali tal-festa maħruġa mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel u mis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ, kull wieħed bi prezz ta' €150; kif ukoll reklam ta' paġna sħiħa bil-kulur fil-pubblikazzjoni Storja u Kultura f'Ħaż-Żabbar, bi prezz ta' €100.

616.3.7 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva żewġ talbiet għall-attivitajiet. L-ewwel talba waslet mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, li kienet tinvolvi żewġ attivitajiet fl-ex venda fi Triq is-Santwarju; nhar il-Ġimgħa 29 t' Awwissu 2025 l-attività "Infinity" li kienet tinkludi DJs u mużiċisti kif sar fis-snin preċedenti fil-każin, u s-Sibt 30 t' Awwissu 2025 kunċert mużikali minn *full brass band*. It-tieni talba kienet mingħand is-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ, sabiex tiġi organizza ikla fi Triq Ġużeppi Pace fiż-żona tal-Biccieni. Is-Sindku qal ukoll li l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel kienet ħarġet reklamar relatat ma' dawn l-attivitajiet qabel l-approvazzjoni formali tal-Kunsill. Is-Sindku kien ikkuntattja lill-għaqda sabiex jenfasizza li l-pubblikazzjoni saret qabel iż-żmien, jiġifieri qabel ma l-Kunsill ikkonferma uffiċjalment l-attivitajiet mitluba. Wara dan il-kuntatt, l-għaqda kienet bgħatet skuża uffiċjali lill-Kunsill u ħadet responsabbiltà billi spjegat li kienet żball minn naħa tal-persuna responsabbli għall-*marketing* li ma kinitx infurmata bil-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jagħti l-kunsens tiegħu għall-organizzazzjoni ta' dawn l-attivitajiet. Is-Sur Joseph Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

616.3.8 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li x-xogħol infrastrutturali fi Sqaq il-Misraħ kien għaddej ġmielu.

616.3.9 Is-Sindku nfurma lill-membri preżenti li flimkien mas-Sur Carlo Scicluna kien iddiskuta l-possibbiltà li matul iż-żmien tal-festa ssir dekorazzjoni tal-binja taċ-Ċentru Ċiviku bil-liedna u fustuni bil-kuluri blu, aħdar u isfar. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jżejjen il-binja taċ-Ċentru Ċiviku, filwaqt li n-nefqa totali ma taqbisx l-€2,000, VAT inkluż. Is-Sur Carlo Scicluna żied jgħid li t-tiżjin kien jinkludi t-tqegħied ta' arblu fuq il-bejt taċ-Ċentru Ċiviku.

616.3.10 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li meta saru xi toroq minn Infrastruttura Malta ma ġewx ippreparati *sleeves* biex jgħaddi l-wajer tad-dawl għaż-zebra crossings u għaldaqstant dawn baqgħu mingħajr illuminazzjoni. Biex jiġi evitat tħaffir fit-toroq, is-Sindku ssuġġerixxa li d-dawl jitwaħħal permezz ta' sistema solari. Is-Sindku spjega li dawn jinkludu ż-*zebra crossing* fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq il-Kapuċċini, Triq ix-Xgħajra ħdejn Misraħ San Nikola u Triq San Leonardu ħdejn il-*pitch* tal-boċċi. Fil-każ ta' Triq Bajada, Infrastruttura Malta ma kinitx ippreparat is-*sleeve* meħtieġa, peress li ż-*zebra crossing* kienet saret mingħajr permess. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien diġà ġabar kwotazzjonijiet sabiex jiġu installati dwal solari għaż-*zebra crossings*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għal tliet postijiet l-ispejjeż totali kienu jammontaw għal madwar €26,337. Is-Sindku qal ukoll li kien tkellem ma' kuntrattur ieħor dwar l-possibbiltà li tiġi nstallata panella solari mwaħħal bil-*bracket* direttament mal-*belisha beacon* b'sistema ta' batterija integrata, sabiex jitnaqsu l-ispejjeż. F'każ li jinkiseb prezz raġonevoli, is-Sindku qal li ser ikun qed jintbagħat komunikazzjoni

lill-Kunsillieri permezz ta' *email* sabiex jiskatta l-proċess minnufih. Is-Segretarju Eżekuttiv enfasizzat l-importanza li qabel l-installazzjoni jsir studju tekniku biex jiġi vverifikat jekk hemmx biżżejjed xemx biex tħaddem is-sistema b'mod effiċjenti. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk iż-*zebra crossing* fi Triq il-Vittorja kinitx ser tiġi mressqa. Is-Sindku qal li din ser tiġi mressqa meta tiġi rranġata l-*island* preżenti. Is-Sur Buttigieg talab ukoll li din għandha tiġi installata bħala road hump zebra crossing. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jiġu installati dwal għaż-*zebra crossings* permezz ta' sistema solari.

616.3.11 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li nhar il-Ħamis li ġej kien se jiltaqa' mal-perit tal-Kunsill sabiex jiċċertifika x-xogħlijiet mwettqa fil-latrina li tinsab fi Triq iċ-Ċawsli. Is-Sindku spjega li l-latrina kienet tlestiet u li l-unika xogħol pendenti kien l-installazzjoni ta' unit tal-*aluminium*. Is-Sindku ppropona li hekk kif jinħareġ il-kont finali tal-kuntrattur responsabbli għax-xogħlijiet fil-latrina, il-ħlas ikun effettwat mill-ewwel qabel il-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sinjura Anna Calleja issekondat din il-proposta u l-Kunsill qabel unanimament li japprova l-ħlas kif propost.

616.3.12 Is-Sur Joseph Agius staqsa kemm kienu ser jiswew id-dwal tal-pannelli solari taż-*zebra crossings*. Is-Sindku spjega li kien ser iġib stimi ġodda u li meta jkunu ppreparati, ser jibgħathom lill-membri tal-Kunsill permezz ta' *email* sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu approvati u jitlestew qabel il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

616.3.13 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-applikazzjoni tal-iskema SPI/SCI/07/2025 – Finanzjament- Komunitajiet Aktar b'Saħħithom u Ta' Kwalità ġiet sottomessa.

616.3.14 Is-Sindku informa lill-Kunsillieri li kien beda komunikazzjoni mal-Maltapost dwar il-kaxxa tal-ittri li tinsab imwaħħla quddiem binja fi Triq il-Kbira minħabba li hemm bżonn li tersaq temporanjament sakemm jitlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni. Is-Sindku spjega li l-Maltapost tistipula li l-persuni nteressati għandhom japplikaw direttament mal-*Superintendence of Cultural Heritage* għal permess biex tersaq il-kaxxa tal-ittri, peress li din tinsab taħt ordni ta' konservazzjoni u ma tistax tiġi mressqa mingħajr approvazzjoni. Is-Sindku qal li huwa kien offra post alternattiv u titpoġġa fl-ex venda fi Triq is-Santwarju maġenb it-*telephone box*. Is-Sindku żied jgħid li huwa kien talab lil Maltapost tagħmel studju dwar iż-żamma u l-manutenzjoni tal-kaxxi tal-ittri fil-lokalità, kif ukoll biex tikkunsidra tqiegħed żewġ kaxxi oħra, waħda fiż-żona tal-Biċċieni u oħra fiż-żona tal-Ħofra.

616.3.15 Is-Sindku rrefera għax-xogħlijiet li saru fi Triq il-Mina ta' Hompesch mill-Gvern Ċentrali u nforma lill-membri preżenti li kienu saru *culverts* ġodda għall-ilma tax-xita sabiex tnaqqas u tiġi indirizzata l-problema tal-għargħar li kienet preżenti fil-viċinanzi tal-pompa tal-petrol, kif ukoll mal-faċċata opposta tat-triq. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kinux ser isiru wkoll *culverts* ġodda fil-viċinanzi tal-ħanut tal-assigurazzjoni, peress li anke f'din iż-żona kien hemm problema simili ta' għargħar wara li tagħmel ix-xita. Is-Sindku spjega li fil-parti t'isfel ta' Triq il-Mina ta' Hompesch tqaxxret it-triq u li matul il-lejl kien ser jingħata l-aħħar saff ta' tarmak. Is-Sindku żied jgħid li x-xogħlijiet saru minn ħdejn il-pompa tal-petrol sa Sqaq Ġanton, filwaqt li l-parti bejn Sqaq Ġanton u l-Mina ta' Hompesch kienet ġiet indirizzata sentejn ilu.

616.3.16 Is-Sindku qal li kien qed jiddiskuti mal-entitajiet ikkonċernati l-possibbiltà li jitneħħa l-vann tal-ħaxix li jipparkja maġenb il-Mina ta' Hompesch, minħabba li kien qed joħloq periklu għat-traffiku, peress li l-karozzi li jieqfu biex jixtru mingħandu kienu qed jipparkjaw fuq il-karreġġata u joħolqu *double parking*, u b'hekk tinħoloq konġestjoni tat-traffiku. Is-Sindku spjega li permessi għall-bejgħ ta' fjuri matul okkażjonijiet bħall-Jum l-Omm, Jum San Valentinu jew okkażjonijiet oħra għandhom jinħarġu biss għal fuq il-bankina. Il-Kaptan Patrick Barbara enfasizza li wieħed jista' faċilment jinnota l-ħmieġ u l-kaxxi tal-kartun li jintremew fl-għalqa li tinsab ħdejn il-post fejn jipparkja l-vann. Is-Sur Carlo Scicluna qal li saħansitra jekk jinħareġ permess għall-bejgħ fuq il-bankina, dan mhux ser isolvi l-problema, peress li l-vetturi xorta waħda kienu se jieqfu biex jixtru u joħolqu periklu u konġestjoni. Is-Sindku qal li jekk ikun meħtieġ, għandu jinstab post alternattiv għall-bejjiegħa. Il-Kaptan Patrick Barbara żied li jekk il-vann tal-ħaxix jitneħħa, għandu jitneħħa kulħadd sabiex jiġu evitati problemi oħra.

616.3.17 Is-Sindku rrimarka li matul l-aħħar żjara tiegħu f'Póvoa de Varzim fil-Portugal, kien innota l-mod kif l-isem tal-belt kien miktub bil-ġebel bħala element dekorattiv u ta' attrazzjoni turistika. Is-Sindku ssuġġerixxa li, b'mod simili, jitwaħħlu ittri ikonċi "ĦAŻ-ŻABBAR" fuq il-bankina qrib il-Mina ta' Hompesch, miktuba b'mod prominenti, sabiex jinħoloq punt ta' attrazzjoni kulturali. Is-Sindku żied jgħid li l-*billboard* li hemm fil-preżent fuq il-bankina għandu jitneħħa, peress li l-post mhux adattat.

616.3.18 Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' semma il-kwistjoni tal-problema tal-għargħar fi Triq il-Mina ta' Hompesch, partikolarment fil-viċinanzi tal-istitut tas-sorijiet. Is-Sindku spjega li din il-problema kellha tissolva peress li l-qlib tat-triq ġie indirizzat lejn il-*culverts* tal-ilma tax-xita. Is-Sinjura Anna Calleja rrimarkat li fuq il-bankina ħdejn l-istitut ukoll kien hemm *culvert* tal-ilma li kien perikoluż. Is-Sindku qal li dan il-*culvert* diġà ġie rranġat.

616.3.19Is-Sinjura Anna Calleja rrimarkat li *ż-zebra crossing* fi Triq l-10 ta' Settembru kienet tresqet iżda baqgħet mhux kompluta, billi tlestiet biss nofsha. Is-Sindku qal li fi Triq il-Mina ta' Hompesch kienu nżabru s-siġar b'mod kawt u tekniku. Is-Sur Joseph Buttigieg irrimarka li kien hemm wkoll il-pal tal-bajtar li jeħtieġ jinżabar peress li kien qed joħroġ fuq il-bankina u jfixkel il-passaġġ. Is-Sindku kompla billi spjega li x-xogħol fuq iż-*zebra crossing* fi Triq l-10 ta' Settembru għadu mhux kompletament lest u qal li għad fadal aktar xogħol xi jsir. Is-Sur Joseph Agius saħaq dwar il-ħtieġa li ssir *zebra crossing* fi Triq il-Foss. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Triq il-Foss ma tinsabx fil-konfini ta' Ħaż-Żabbar.

616.3.20 Is-Sindku spjega li x-xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq ir-*rubber* tal-bandli fi Ġnien Tamara Psaila kien tlesta u qal li fil-ġranet li ġejjin huwa mistenni li teħel ix-xibka mal-grawnd. Is-Sindku qal li minħabba konsiderazzjonijiet ta' sigurtà, kien meħtieġ li l-gradi eżistenti jinbidlu u jiġu sostitwiti b'gradi bil-molla sabiex tiżdied is-sigurtà. Is-Sindku żied jgħid li l-istess intervent għandu jsir ukoll fil-bandli ta' Ġnien il-Kunsill. Is-Sindku ppropona biex barra l-gradi, jinbidel ukoll il-lakstu ta' taħt il-bandli fi Ġnien il-Kunsill u li tinħareġ sejħa għall-offerti. Is-Sur Carlo Scicluna issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

616.3.21 Is-Sinjura Anna Calleja rrimarkat li matul il-ġranet tal-festa Ġnien il-Kunsill ikun espost għal ħafna qżież. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondat mis-Sinjura Anna Calleja l-Kunsill qabel unanimament li jintalab is-servizz ta' *security* matul il-ġimgħa tal-festa. Is-Sindku ppropona sabiex il-latrini pubbliċi wkoll ikunu magħluqa matul il-ġranet tal-festa sabiex ma jsirx vandaliżmu u minflok jinkrew *mobile toilets* bħalma sar fis-snin ta' qabel. Is-Sinjura Anna Calleja ssekondat din il-proposta u l-Kunsill qabel unanimament.

616.3.22Is-Sindku qal li kien irċieva talba mingħand il-Mużew tas-Santwarju sabiex jitwaħħlu tabelli indikattivi li juru u jiggwidaw lill-pubbliku lejn siti ta' interess kulturali u reliġjuż fil-lokalità, jiġifieri Ċentru Marija Bambina, il-Knisja Arċipretali Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, il-Knisja tas-Salib Imqaddes u l-Mużew tas-Santwarju nnifsu. Is-Sindku spjega li dawn it-tabelli għandhom ikunu ta' kulur kannella b'kitba bajda, konformi mal-*istandards* ta' sinjali turistiċi u kulturali. Is-Sindku żied jgħid li għandhom jitwaħħlu tabelli li jindikaw b'mod ċar fejn jinsabu istituzzjonijiet u servizzi rilevanti fil-lokal, fosthom il-Kunsill Lokali, il-knejjes, kif ukoll titwaħħal tabella fi Ġnien il-Kunsill li tkun tinkludi lista tas-servizzi amministrattivi u soċjali li jiġu offruti fiċ-Ċentru Ċiviku.

616.3.23 Is-Sindku qal li meta kien fuq żjara f'Eschborn, kien preżenti għall-inawgurazzjoni ta' tabella indikattiva li kienet turi kemm il-kilometru hemm minn Eschborn għal lokalitajiet oħra msieħba, fosthom Povoa de Varzim, Montgeron u Ħaż-Żabbar, tabella li kienet tindika wkoll id-direzzjoni ta' dawn il-postijiet. Fid-dawl ta' din l-esperjenza pożittiva, is-Sindku ppropona li f'Ħaż-Żabbar għandu jitwettaq proġett simili u ssaħħaħ ir-relazzjoni internazzjonali. Is-Sindku qal li din it-tabella għandha titwaħħal f'Park San Klement.

616.3.24 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-membri l-kwistjoni marbuta mat-twaħħil tal-*bus shelters*, fejn spjega li l-kumpanija Faces bħalissa kienet qed tagħti prijorità lill-installazzjoni ta' *shelters* f'*bus stops* li jkunu l-aktar frekwentati, u dan kien qed iħalli dewmien fit-twaqqif ta' *shelters* fi żoni oħra tal-lokalità. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku ppropona li l-Kunsill jikkunsidra li jqabbad kumpanija oħra sabiex twaħħal *bus shelters* fi Triq il-Marżebb, Triq ix-Xgħajra ħdejn id-Dar ta' Lourdes, kif ukoll tnejn oħra fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok, wieħed fid-direzzjoni lejn iż-Żejtun u l-ieħor fid-direzzjoni lejn Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal li kull *bus shelter* jiswa madwar €6,000 u billi l-Kunsill kien diġà xtara l-materjal neċessarju, huwa kien se jitlob kwotazzjoni mingħand ħaddied sabiex jaħdem dawn il-*bus shelters* minflok ma jistenna l-intervent tal-kumpanija *Faces*. Barra minn hekk, is-Sindku fakkar li, peress illi jeżisti ftehim bejn l-Assoċjazzjoni u l-kumpanija *Faces*, ikun meħtieġ jitlob il-permess sabiex ikun jista' jipproċedi u jwaħħal dawn il-bus shelters, billi l-proċess tat-twaħħil mill-kumpanija Faces kien ġej fit-tul. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li tinkiseb stima mingħand ħaddied sabiex jibni u jinstalla l-*bus shelters*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien jeħtieġ ukoll il-permess tad-DNO qabel jitwaħħlu l-*bus shelters*. Is-Sindku qal li kien ser jitlob lill-perit tal-Kunsill sabiex jagħmel *sketch* tal-*bus shelter*.

**616.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

616.4.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-25 ta' Ġunju 2025 u d-29 ta' Lulju 2025 li kienet tammonta għal €95,540.34.

**616.5 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar- Ġunju 2025**

616.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar - Ġunju 2025. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar - Ġunju 2025.

**616.6 Ingaġġ ta' *Administration Officer 11* (Skala 10)**

616.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kienu saru l-intervisti għall-ingaġġ ta' *Administration Officer 11* (Skala 10). Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-Ingaġġ ta' *Administration Officer 11* (Skala 10). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu 'Kandidata A' hija adattata għal din il-kariga. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li 'Kandidata A' tiġi mpjegata mal-Kunsill bħala *Administration Officer 11* (Skala 10).

**616.7 Deċiżjoni dwar il-kuntratti:**

- **Restawr tal-faċċata tal-Mużew tas-Santwarju u tal-faċċata taċ-ċimiterju (ZLC1/2025)**

616.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-evalwazzjoni għas-sejħa tal-offerti ZLC 1/2025 – Restawr tal-Faċċata tal-Mużew tas-Santwarju u tal-Faċċata taċ-Ċimiterju għadha ma ġietx konkluża. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li kienet qed taffaċċja diffikultajiet biex tlaqqa' l-Bord peress li, minkejja diversi tentattivi permezz ta' *emails* biex tistabbilixxi laqgħat, xi membri tal-Bord ma kinux qed jirrispondu. Dan qed iwassal għal dewmien fil-proċess ta' evalwazzjoni.

- **Tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 3/2022)**

616.7.2 Fis-7.31 ta' filgħaxija l-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti sabiex id-diskussjoni issir fi stadju ta' kumitat.

616.7.3 Fis-7.35 ta' filgħaxija il-laqgħa tkompliet.

616.7.4 Is-Sindku rrefera għall-kuntratt ta' tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 3/2022) u nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur responsabbli, Malta Recycle & Waste Collection Limited, kien abbanduna l-kuntratt mingħajr ma' avża lill-Kunsill. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien bagħat kemm *email* kif ukoll ittra reġistrata sabiex jagħmel kuntatt mal-kuntrattur, iżda dan kien kollu għalxejn, u l-ittra reġistrata kienet waslet lura l-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li f'dawn it-toroq kien hemm ħaxix li kiber, ħmieġ u skart. Għaldaqstant, is-Sindku ppropona biex il-Kunsill jittermina l-kuntratt li għandu

ma' Malta Recycle & Waste Collection Limited relatat mal-kuntratt ta' tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 3/2022) minħabba l-fatt li l-kuntrattur kien abbanduna s-servizz mingħajr ebda pre-avviż. Il-Kaptan Patrick Barbara ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser tavża lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill jingħata l-permess li jittermina dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għas-servizz ta' tindif ta' toroq mhux urbani. Minħabba l-ħmieġ li hemm u peress li l-kuntrattur responsabbli mit-tindif ta' toroq mhux urbani kien ilu ma jnaddaf minn Ġunju, is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet sabiex isir it-tindif matul it-tlett xhur li ġejjin. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jagħżel l-orħos offerta mingħand is-Sur David Grech għall-prezz ta' €5,400 eskluż il-VAT. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li, skont ir-regolamenti finanzjarji, il-Kunsill ma jistax jagħti *direct order* li tkun il-fuq minn €5,000 u spjegat li għandha tintalab l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jagħti l-konċessjoni għal *direct order* skont il-Linji Gwida 3.2. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li għandu jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jagħti l-konċessjoni għal *direct order* skont il-Linji Gwida 3.2 sabiex is-Sur David Grech inaddaf it-toroq kollha li hemm fil-kuntratt preżenti għall-prezz ta' €5,400 VAT eskluż, matul it-tlett xhur li ġejjin.

## 616.8 Festa f'Ħaż-Żabbar

616.8.1 Is-Sindku rrefera għall-parir legali li kien ingħata mingħand l-avukat tal-Kunsill rigward it-tqegħid ta' gabbani fi Triq tal-Labour. Madankollu, huwa esprima li ma kienx kuntent u sodisfatt b'dan il-parir u għalhekk għarraf lill-membri li għal din is-sena l-permessi ser jinħarġu bħalma kienu jinħarġu fis-snin preċedenti. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-applikazzjonijiet għal twaqqif jew tqegħid ta' gabbani ser jiġu milqugħa bejn id-19 u t-23 t' Awwissu 2025. Is-Sindku żied jgħid li l-Korporazzjoni Enemalta m'aċċettatx li twaħħal arblu għall-kaxxi tad-dawl temporanju, u għaldaqstant ser isaqsi lill-Grupp tal-Armar sabiex iwaħħlu arblu temporanju sabiex il-kaxxi tad-dawl jiġu mwaħħla miegħu. Barra minn hekk, is-Sindku ddikjara li se jobbliga lill-applikanti sabiex iwaħħlu l-kaxxi tad-dawl fuq dan l-arblu temporanju.

616.8.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien qed jiddiskuti mad-Direttorat tat-Tindif u Manutenzjoni sabiex jiġi pprovdut is-servizz ta' tindif matul il-ġranet tal-festa u li t-tindif ser isir kif sar fis-snin ta' qabel.

616.8.3 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-Kunsill kienx ser jipprovdi l-barijiet tal-ħadid għall-użu waqt il-festa. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li skont il-parir legali mogħti lill-Kunsill, ma jistax ikun impost fuq l-applikanti li jużaw il-barijiet tal-Kunsill u għaldaqstant dawn mhux ser jiġu pprovduti.

616.8.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekonda mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li ma jsibx oġġezzjoni li l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel tarma bar f'żona pedonali f'Misraħ is-Sliem matul il-ġranet tal-festa.

## 616.9 Teatru f'Ħaż-Żabbar

616.9.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li f'Ħaż-Żabbar kien hemm ħames teatri iżda minn dawn kollha għad fadal biss il-Blu Arena, Sala Notre Dame u t-teatru fi Triq Hompesch li sa ftit żmien ilu kien jintuża bħala ħanut u l-post huwa magħluq u qiegħed għall-bejgħ. Is-Sindku qal li dan it-teatru għadu f'kundizzjoni tajba ħafna, kollu pittura.

616.9.2 Fit-7.48 il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti sabiex id-diskussjoni issir fi stadju ta' kumitat.

616.9.3 Fit-8.00 ta' filgħaxija il-laqgħa tkompliet.

616.9.4 Is-Sindku ppropona li jiskatta l-proċess ta' negozjati mas-sidien u l-proprjetarji tat-teatru li bħalissa jinsab għall-bejgħ fi Triq Hompesch, bil-għan li dan jiġi akkwistat mill-Kunsill għal skopijiet komunitarji u kulturali. Is-Sur Carlo Scicluna ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

## 616.10 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi

616.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-kwistjoni pendenti li l-Kunsill għandu mal-kuntrattur li jipprovdi s-servizzi ta' *accountant technician*, relatata ma' talba għall-ħlas ta' €9,000. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva ittra legali mingħand il-kuntrattur f'dan ir-rigward. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax din it-talba u li tintbagħat ittra legali bħala risposta lill-kuntrattur, sabiex jitolbu aktar informazzjoni u speċifikazzjoni dwar x'inhuma eżattament id-diversi kompiti addizzjonali u s-servizzi li allegatament saru u li mhux stabbiliti fil-kuntratt.

## 616.11 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

616.11.1 Is-Sur Joseph Buttigieg qal li minkejja li ilu jirrapporta għal diversi drabi li l-kollettur tal-iskart mhux qed jiġbor l-iskart mill-parti d-dejqa ta' Triq il-Kappuċċini, is-sitwazzjoni baqgħet ma nbidlitx. Is-Sur Buttigieg esprima d-diżappunt tiegħu li minkejja l-ilmenti ripetuti, ma ttieħdet l-ebda azzjoni effettiva. Is-Sindku qal li ser jikkomunika personalment mal-kuntrattur responsabbli tal-ġbir tal-iskart biex tiġi indirizzata l-problema.

616.11.2 Is-Sur Joseph Buttigieg saħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-*culverts* tal-ilma tax-xita fi Triq Bajada minħabba li kienu perikolużi u kienet teħtieġ azzjoni immedjata. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Pulizija tal-Komunità kienu diġà marru fuq il-post u tkellmu mas-sidien responsabbli u ttieħdet azzjoni f'dan ir-rigward. Spjega wkoll li l-*culverts* kienu saru illegalment sabiex resident ikun jista' jiġbor l-ilma tax-xita fil-ġiebja privata tiegħu. Madankollu, wara li saru x-xogħlijiet fit-triq, ir-resident ilmenta li kif sar il-qlib tat-triq, l-ilma ma baqax jgħaddi fil-ġiebja tiegħu, u għaldaqstant kien ser jagħlaq il-*culverts*.

616.11.3 Is-Sur Joseph Buttigieg talab biex issir *roundabout* impinġija mal-art fi Triq il-Fraxxnu faċċata tal-ħwienet, minħabba li l-vetturi qed jidħlu u joħorġu minn dik il-

parti tat-triq mingħajr ordni jew direzzjoni ċara, u dan qed joħloq periklu u konfużjoni fit-traffiku. Is-Sindku wieġeb li, barra li m'hemmx biżżejjed spazju biex tinħoloq *roundabout* f'dik iż-żona, it-triq hija *T Junction* u mhux post ideali għal tali struttura. Madankollu, qal li se jikkonsulta ma' Transport Malta biex jinkiseb parir tekniku dwar dan.

616.11.4 Is-Sinjura Anna Calleja resqet ilment li kienet irċeviet mingħand residenti dwar binja li kienet ġiet żviluppata madwar għaxar snin ilu fi Triq il-Karmnu, fil-kantuniera ma' Triq Wied il-Għajn u Triq is-Santwarju, minn fejn qed joħorġu diversi ġrieden kbar. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li kienet ser tressaq rapport lis-Sanità sabiex tittieħed l-azzjoni neċessarja. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-Kunsill jistax jitlob lill-kuntrattur sabiex jagħlaq il-binja bin-*netting*. Is-Sindku qal li l-kuntrattur kien għadu għaddej bix-xogħlijiet fuq il-faċċata.

616.11.5 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li titnaddaf is-*soft area* li saret ġdida fi Triq San Leonardu, minħabba li l-arbuxelli kienu kollha nixfin u l-post qed jidher abbandunat. Barra minn hekk, f'*soft area* oħra li tinsab ħdejn il-*pitch* tal-boċċi, hemm siġra li tidher marida. Is-Sindku qal li ser jikkomunika mal-kuntrattur responsabbli sabiex dan jieħu ħsieb it-tindif u jwettaq il-ħidma meħtieġa, inkluż it-tneħħija tas-siġra bil-permess neċessarju mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi.

616.11.6 Is-Sinjura Anna Calleja resqet ilment li kienet irċeviet mingħand resident minħabba li qed jidħol id-drenaġġ fil-garaxx tiegħu, u dan qed jikkawżalu inkonvenjent serju. Is-Sindku staqsa jekk dan l-ilment kienx diġà ġie rrappurtat lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma peress li sitwazzjonijiet bħal dawn jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom.

616.11.7 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li fi Triq Hompesch kellha ssir *slow* biex twissi lis-sewwieqa biex inaqsu l-veloċità tagħhom.

616.11.8 Is-Sur Carlo Scicluna talab li tiġi rranġata ħofra perikoluża fi Triq Santa Duminka.

616.11.9 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar għall-estensjoni taċ-ċimiterju kien ħareġ u bħala pass li jmiss, kien ser jibda l-proċess man-nutar sabiex jiġi formalizzat il-ftehiem li ġie diskuss mal-kuntrattur, bil-għan li l-proġett jitwettaq skont il-pjan kif miftiehem.

**616.12 Mozzjonijiet**

616.12.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**616.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

616.13.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 26 t'Awwissu, 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

## 616.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

616.14.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8.15 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-617-il laqgħa li saret nhar it-Tlieta 26 t'Awwissu, 2025.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku